MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 1112/2004

**Pulizija**
**vs**
**Michael Ellul**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Michael Ellul ta' 20 sena iben Carmelo u Carmen nee Lia mwieled Pieta nhar it-23 ta' Gunju 1984 u residenti 9 Triq ic-Cimiterju Zabbar, ID303084(M).**

**Akkuzat talli f'Haz Zabbar nhar id-9 ta' Dicembru 2004 xi hin wara id-9.00pm, kkommetta serq ta' basket kontenut ta' hwejjeg tal-futbol, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u dan sar ghad-detriment ta' Marlon Vassallo mill-Kalkara.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara oggetti u cioe il-basket imsemmi, misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat kemm jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew**

**xjentement b'kull mod ikun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Semghet il-provi. Jirrizulta mill-provi li l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni hija alternattiva.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 270 u 281 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni peress li din hija alternattiva ghall-ewwel wahda. Il-Qorti qieset li hafna mill-affarijiet gew ritornati lil sidhom. Jidhrilha li flok tikkundanna lill-imputat ghall-prigunerija, ikun iktar floku li tpoggieh taht il-harsien ta' Probation Officer ghal tlett snin u qed tikkundannah ihallas LM25 tat-track suit, liema hlas ghandu jsir fi zmien 5 xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------